MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 572/2009

**Av. Philip Manduca bhala mandatarju specjali tas-socjeta` PUMA AG Rudolf Dassler Sport.**

**vs.**

**Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud li b’digriet tat-28 ta’ Lulju 2009 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil Shenzhen Yongxingbang Industry Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur *nomine* datat 11 ta’ Gunju 2009 a fol 1 tal-process fejn espona: -

Illi s-socjeta` attrici hi proprjetarja tal-marka “PUMA” registrat f’Malta bin-numru 13091 u tal-marka “Cat” registrat f’Malta bin-numru 13092.

Illi dan l-ahhar l-konvenut ikkontravjena t-*trademark* in kwistjoni billi uza sinjal identiku mat-*trademark* ghar-rigward ta’ oggett li huwa identici ma’ dawk li dwarhom it-*trademark* tas-socjeta` attrici giet registrata u dan billi gab f’Malta kwantita ta’ zraben (848 cartons) bil-marki ta’ “Puma” liema oggetti mhumiex modelli tas-socjeta` attrici u ghandhom *“fake security label”* u huma *“clear cut infringements of* PUMA *trademarks*.”

Illi ghalhekk l-konvenut ikkaguna danni lis-socjeta` attrici.

Illi ghalhekk hemm lok li jsir il-qerda tal-oggetti fil-pussess u/jew spaccjati u jew prodotti u jew importati f’Malta mill-konvenut bil-marka proprjeta` tas-socjeta` attrici u dan kif provdut fl-**artikolu 15 tal-Att dwar it-*Trademark*s** u l-**Att tmienja tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta (EC 1383/2003).**

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li il-konvenut ikkontravjena t-*trademark* jew *trademarks* proprjeta` tas-socjeta` attrici u l-**Att tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta** u b’hekk ikkaguna danni lis-socjeta` attrici.

2. Tordna l-qerda tal-oggetti spaccjati u/jew prodotti u jew migjuba f’Malta fil-*container* CAXU9795350 u mill-konvenut bit-*trademark/s* tas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li hu ingunt ghas-subizzjoni. B’riserva ghal azzjoni ta’ danni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti a fol. 2 sa 4 tal-process.

Rat id-digriet datat 28 ta’ Lulju 2009 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entita’ intimata.

Rat li dan ir-rikors giet appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-12 ta' Novembru 2009, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta' l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 23 ta' Settembru 2009 (fol. 22) fejn esponew:-

1. Illi f' dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-assenti minnhom rapprezentata u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti jipprovdu, jekk ghandhom, indirizz tal-assenti intimata, u/jew numru tat-*telephone* jew *fax* jew *email address* tal-istess.

Rat il-lista ta' xhieda tal-istess kuraturi a fol. 22 tal-process.

Rat in-nota tar-rikorrent Dr. Philip Manduca *nomine* datata 23 ta' Settembru 2009 fejn esebixxa l-affidavit ta' Neil Narriman (fol. 21).

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Novembru 2009 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr. Philip Manduca pprezenta affidavit b'kopja lid-difensur tal-kontro-parti; u Dr. Anthony Cutajar ipprezenta nota b'dokument. Id-difensuri tal-partijiet irrimettew ruhhom ghall-atti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-19 ta' Novembru 2009.

Rat l-affidavit ta' George Agius datat 22 ta' Lulju 2009 (fol. 27).

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fit-28 ta' Mejju 2009 fil-kontejner Numru CAXU 9795350 waqt spezzjoni mill-Ufficjali tad-Dwana nstab li kien hemm kaxxi li fihom kien hemm kwantita' ta' zraben sportivi tal-marka "PUMA", liema oggetti kien hemm suspett li kienu kontrafatti u allura gew mizmuma mill-istess Awtoritajiet tad-Dwana. Fil-fatt minn ezamijiet li saru wara mis-socjeta' attrici rrizulta li tali zraben kienu foloz (affidavit ta' Neil Narriman – 14 ta' Settembru 2009).

Illi fil-fatt mix-xhieda tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius moghtija permezz ta' affidavit datat 22 ta' Lulju 2009 jirrizulta li kien hemm 277 kaxxa bi 12-il par zarbun f' kull kaxxa b'total ta' 3,324 par zarbun sportiv li kellhom il-markji "PUMA u li kif inghad wara ezamijiet fuq kampjuni taghhom irrizulta li huma kontrafatti. Konsegwenti ghal dan jirrizulta li d-drittijiet tas-socjeta' attrici fuq l-istess marka gew pregudikati u lesi. Dan jinsab konfermat mix-xhieda u mid-dokumenti kollha l-ohra esebiti, u fil-fatt l-istess provi ma huma bla ebda mod kontradetti, u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha fis-sens hawn deciz.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati fir-risposta guramentata taghom datata 23 ta' Settembru 2009 biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li s-socjeta'/entita' konvenuta ikkontravjeniet it-*trademark* jew *trademarks* proprjeta` tas-socjeta` attrici u l-**Att tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta** u b'hekk ikkagunat danni lis-socjeta` attrici.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex a spejjez tas-socjeta'/entita' konvenuta fi zmien qasir u perentorju ta' sittin (60) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi l-oggetti spaccjati u/jew prodotti u jew migjuba f'Malta fil-*container* CAXU9795350 mis-socjeta' konvenuta bit-*trademark/s* tas-socjeta` attrici kollox kif indikat f'din is-sentenza.

Bl-ispejjez kontra l-entita'/socjeta' konvenuta b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------